# TITLOB TNAX U JTIK TLETTAX

F'belt kolonjali Olandiza, li aktar tard fiz-zmien saret maghrufa bhala Albany, New York, kien joqghod furnar jismu Van Amsterdam, li kien onest kemm tridu.

Ta kull filghodu kien jara li l-mizien tieghu hu korrett u kien jaghti lix-xerrej dak li hallas ghalih, la aktar u la anqas.

Il-hanut tieghu dejjem kien biezel, ghaliex ix-xerrejja kienu jafdawh b'ghajnejhom maghluqa u ghaliex kien furnar ta' prima klassi. U kull min jafu jiftakar li l-hanut tieghu kien wiehed l-aktar biezel, l-aktar f'dawk il-jiem ta' qabel is-sitta ta' Dicembru meta l-Olandizi jiccelbraw il-festa ta' San Nikola.

F'dak iz-zmien tas-sena in-nies kienet tigri tiffolla ghandu biex tixtri il-gallettini maghrufa bhala ta' San Nikola.

Maghmula minn ghagina l-aktar bnina, kienu jkunu miksija bil-gelu abjad u ahmar, precizament kif l-Olandizi kienu jafu lil San Nikola, bniedem twil u irqieq, liebes il-mitra ta' isqof u b'mantel fuq spallejh. Fil-ghodwa tas-6 ta' Dicembru, festa ta' San Nikola l-hanut ta' Van Amsterdam kien miftuh ghan-negozju bhas-soltu meta f'mument mhux mistenni, jinfetah il-bieb u tidhol mara xwejha mkebba f'xall iswed.

"Gejt biex niehu tuzzana mill-gallettini ta' San Nikola," indirizzat ix-xiha lil tal-hanut.

Van Amsterdam ha pjanca mimlija gallettini u ghadd tnax. Hekk kif beda’ biex ikebbibhomlha f'karta, il-mara harget idha ‘l quddiem bhala sinjal biex jieqaf u ma jkomplix. "Jien tlabtek tuzzana. U inti tajtni biss tnax," qaltlu l-mara. Il-furnar wegibha li kulhadd jaf li tuzzana jaghmlu tnax. "

Imma l-mara sostniet, " Tuzzana jaghmlu tlettax. Aghtini wahda ohra."

Van Amsterdam ma kienx xi bniedem li tghaddi z-zmien bih. B'serjeta kbira wegibha, "Madam, il-klijenti tieghi jiehdu dak li jhallsu ghalih, la anqas u u anqas aktar."

"Allura tista izzomm kollox ghalik" qaltlu l-mara filwaqt li mxiet lejn il-bieb biex titlaq'l barra. Biss qabel harget qaltlu :" Inti kemm int onest, qalbek hija xierfa u idejk maghluqa. Tghallem ghodd." U minnu fih telqet. Minn dak in-nhar kollox beda’ jmur hazin fil-hanut ta' Van Amsterdam. Meta kien jahmi l-hobz, dan kien jew joghla wisq jew jibqa' baxx qisu ftira. Il-pasti jew kien ikollhom toghma helwa jew qarsa. Il-kejkijiet kienu jitfarrku jew jiguh nofshom nejjin u l-galettini kienu jinharqulu.

Van Amsterdam meta ra li kollox gej hazin qal bejnu u bejn ruhu: " Zgur li dik ix-xiha, sehtitni. Jien onest u ara f'xiex gabitni l-onesta' tieghi."




U ghaddiet sena fuq din il-grajja. Minhabba n-nuqqas ta' bejh il-furnar ftaqar. Minhabba li kien ibiegh ftit, ftit kien ix-xoghol li jahmi u l-ahhar ftit xerrejja li kienu jigu ghandu, harbulu wkoll. Finalment jum qabel il-festa ta' San Nikola, ebda xerrejj ma dahal ghandu u fl-ahhar tal-jum Van Amsterdam qaghad ihares lejn il-gallettini ta' San Nikola li baqghulu ma’ wiccu ghax ma bighhomx. "Kemm nixtieq li San Nikola jghini f'din il-mizerja li waqajt fiha," qal b'lehen baxx waqt li ghalaq il-hanut u mar biex jorqod.

Dik il-lejla Van Amsterdam kellu holma. Ra li hu kien tfajjel qalb hafna tfal ohra u f'nofs din ic-corma tfal kien hemm San Nikola biz-ziemel abjad tieghu jqassam rigal wara l-iehor lil kulhadd. Van Amsterdam innota pero' li jqassam kemm iqassam rigali, San Nikola dejjem ikollu izjed rigali x'jaghti.

Meta kien imiss lilu biex jircievi r-rigal, Van Amsterdam ghollha wiccu biex jirringrazzja lil San Nikola, izda hemm quddiem lemah lil dik il-mara xwejha bit-tbissima fuq wiccha, li sena qabel kienet dahlet ghandu u riedet 13 ghat-tuzzana li talbitu.

Van Amsterdam qam f'daqqa wahda u ra dawl il-qamar diehel minn bejn ix-xquq tax-xutters. "Jiena dejjem naghti ezatt dak li ix-xerrej

jhallas ghalih, la anqas u la aktar. Imma ghaliex ma naghtix xi haga izjed?"

L-ghada filghodu Van Amsterdam ghamel l-ghagina, qattaghha, infurnaha u fl-ahhar ksieha bil-gelu abjad u ahmar. Fid-dehra kienu sbieh hafna u fit-toghma bil-wisq aktar. Fetah il-bibien berah biex ibiegh u hekk hu l-ewwel xerrejja kienet l-istess mara xiha tas-sena li ghaddiet.

"Gejt biex niehu tuzzana minn dawk il-gallettini," talbitu x-xiha.

Bil-fixla Van Amsterdam ghaddielha tnax, qartashomlha f'karta u tahomlha. Ix-xiha kienet pronta qaltu, "Wahda aktar, jekk jghogbok."

"U wahda aktar intik," wegibha Van Amsterdam. " U nzommlok prezz ta' tuzzana. Mill-lum il-quddiem f'dan il-hanut tuzzana tfisser tlettax."

"Tghallimt tghodd Van Amsterdam. Inti ser tkun ippremjat." U x-xiha harget ‘l barra. Hekk kif ghoddha waslet biex taghlaq il-bieb, Van Amsterdam induna li t-tarf tax-xall li bih kienet imkebba, ma kienx ghajr it-tarf ta' mantell ahmar.

Meta n-nies semghu li Van Amsterdan kien qed jaghti tlettax meta jitolbuh tuzzana, invadewlu l-hanut, tant li fi ftit tal-hin ma kien baqghalu xejn xi jbiegh. Tant kien ibiegh li sar sinjur, u l-furnara l-ohra tal-belt bdew jimxu fuq l-ezempju tieghu.

Minn hemm xterdet din l-uzana f'pajjizi ohra. U hekk hu kif it-tuzzana tal-furnar saret tfisser tlettax, uzanza li baqghet hajja f'xi postijiet sal-gurnata tal-lum.